# San Ġorġ Preca
## u d-Devozzjoni lejn il-Madonna

**John Formosa sdc.**

Id-devozzjoni lejn il-Verġni Mbierka hija marka speċjali ta' kull qaddis. Fi kliem ieħor, ma jistax ikun hemm vera qdusija jekk ma jkunx hemm devozzjoni lejn l-Omm ta' Ġesù. Il-qaddis ġdid tagħna, San Ġorġ Preca, mhuwiex eċċezjoni. Huwa kellu mħabba vera li tinħass lejn l-Omm tagħna tas-sema u ħabrek kemm felaħ biex inissel din id-devozzjoni wkoll fil-poplu Malti u Għawdxi. Huwa xerred mhux biss devozzjonijiet Marjani li nistgħu nsejħulhom tradizzjonali, bħalma huma r-Rużarju, il-Labtu tal-Karmnu u l-Midalja Mirakoluża, imma wkoll xerred devozzjonijiet ġodda li jkomplu juru l-imħabba kbira tiegħu lejn il-Verġni Mbierka. Fost dawn insemmu d-devozzjoni tat-*Tliet Inkini*, u dik lejn il-**Madonna tal-*Verbum Dei*.**

### It-Tliet Inkini

Din tikkonsisti billi, quddiem xbieha tal-Madonna, wieħed jagħmel inkin għal kull privileġġ kbir li Marija rċeviet mit-Trinità qaddisa: l-ewwel inkin f'ġieħ it-Tnissil tagħha bla tebgħa; it-tieni inkin f'ġieħ il-Maternità divina tagħha (jiġifieri li hija Omm Alla), u t-tielet inkin f'ġieħ it-tlugħ glorjuż tagħha fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem. Wara li jsiru dawn l-inkini, imbagħad wieħed jitlob bil-ġakulatorja: "*Madonna, berikni u salvani.*" Dun Ġorġ kien isostni li min jagħmel din id-devozzjoni tat-***Tliet Inkini*** jiġbed fuqu l-barka tal-Verġni Marija, u b'mod speċjali l-grazzja li dak li jkun jgħix fil-biża' ta' Alla, jiġifieri joqgħod attent li ma joffendix 'l Alla.

### Il-Madonna tal-*Verbum Dei*

Dun Ġorġ kellu devozzjoni kbira lejn l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben t'Alla, li t-Tieni Persuna tat-Trinità saret bniedem bħalna biex issalvana. Xerred kemm felaħ id-devozzjoni lejn il-kliem *Verbum Dei caro factum est* (l-Iben t'Alla sar bniedem) u anki ħoloq il-purċissjoni bil-Bambin lejlet il-Milied. Imma barra minn hekk, huwa ried ixerred din id-devozzjoni permezz ta' xbieha tal-Verġni Marija fil-mument li qiegħda taċċetta li ssir Omm Alla. Għal dan l-iskop, Dun Ġorġ kien qabbad lill-pittur Rafele Calì u talbu jpinġi lill-Madonna b'idejha miftuħin beraħ u bil-kliem *Verbum Dei caro factum est* miktub fuq sidirha. Fuq rasha ried li jinkitbu l-kelmiet *Terror Daemonum* li jfissru Terrur (jew waħx) tad-Demonji. Dan ifisser li fejn tersaq Marija, ix-xitan jaħrab bħal sajjetta billi kienet hi li għaffġitlu rasu bir-riġel tagħha. Inkwatru bil-pittura tal-Madonna taħt dan it-titlu ġdid mibdi minn Dun Ġorġ kienet ingħatat lill-Papa Gwanni Pawlu II bħala tifkira taż-żjara li hu għamel fid-Dar Ġenerali tal-M.U.S.E.U.M. fid-9 ta' Mejju 2001 fil-beatifikazzjoni tal-Fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija.

Dun Ġorġ ippriedka u kiteb ħafna fuq il-Madonna. L-aktar li kien jagħfas kien fuq il-kobor ta' Marija u kemm jaqblilna nkunu devoti tagħha, kif ukoll fuq il-*vera* devozzjoni lejHa billi nimitawHa fil-virtù.



**San Ġorġ Preca waqt waħda mis-Sajdiet Mużewmini tiegħu fejn ta' kull darba kien jesebixxi statwa tal-Madonna fuq il-mejda li kien juża biex iwassal it-tagħlim tiegħu, xhieda tad-devozzjoni li hu kellu lejn il-Madonna.**




**Il-Madonna tal-'Verbum Dei' hekk kif impittra minn Rafele Calì fuq kummissjoni ta' Dun Ġorġ.**

## Vera Devozzjoni

Dwar il-vera devozzjoni lejn Marija huwa ħallielna paġna stupenda fil-ktieb tiegħu jismu *Il-Ġinnasju Spiritwali.* Fil-kapitlu 74 ta' dan il-ktieb, jgħid li "huwa xxurtjat tassew min hu devot ta' Marija, għax din hija grazzja li tingħata lil dawk kollha li isimhom huwa miktub fis-sema." Imbagħad iżid paragrafu importanti: "Imma jenħtieġ li wieħed ikun *veru* devot ta' Marija; għax hawn min għandu devozzjoni falza, billi jikkritika xi prattiki devoti lejha; ... billi jagħmel devozzjoni esterna biss; billi jabbuża bid-devozzjoni lejn Marija, jidneb gravament għax devot tagħha u hekk jagħmilha mezz għad-dnub; billi jagħti qima lil Marija skond il-burdati u l-kapriċċi tiegħu; billi għall-ipokrisija tiegħu, biex jidher dak li ma huwiex fl-għajnejn tan-nies, juri devozzjoni lejha; billi interessat jirrikorri lejHa għall-ġid temporali biss."

## Nimitaw lil Marija

Huwa importanti ħafna li l-imħabba tagħna lejn il-Verġni Marija tkun ġenwina bħala wlied lejn Ommhom tas-sema. U, kif Dun Ġorġ jispjega f'kitba oħra, il-veru devot tagħha jimitaHa fil-virtujiet tagħha. Bi kliem qasir imma qawwi huwa jgħidilna: **"Ilbsu lil Marija u kunu ixbħuha intom li tħobbu lil Marija."** (*Is-Sinagoga l-Ġdida* n. 31)

Kemm jaqbililna li nħobbu tassew lil Marija u li nirrikorru dejjem lejHa f'kull bżonn tagħna. Min jagħmel hekk, jgħallem Dun Ġorġ, żgur li qatt mhi se tonqsu l-għajnuna qawwija ta' Marija matul il-pellegrinaġġ tiegħu fuq l-art. Imma b'mod speċjali, din l-għajnuna jħossha f'dak il-waqt serjissimu meta nkunu se nħallu din id-dinja. Hija stess tgħinna f'dawk l-aħħar mumenti ta' ħajjitna biex tippreżentana quddiem BinHa Ġesù biex jagħtina l-barka tiegħu u nidħlu fil-ferħ etern tiegħu fejn ingawdu Lilu u lill-Verġni Marija Ommna għal dejjem.

## DUN ĠORĠ PRECA



| | |
|---|---|
| 12 Frar 1880 | Twieled il-Belt Valletta |
| 22 Diċembru 1906 | Ordnat saċerdot |
| 2 Frar 1907 | Beda jlaqqa' liż-żgħażagħ il-Ħamrun |
| 7 Marzu 1907 | Tinkera l-ewwel dar tal-MUSEUM |
| 10 Jannar 1910 | Tinfetaħ l-ewwel dar tal-MUSEUM tan-Nisa f'Raħal Ġdid |
| 12 April 1932 | L-Isqof Caruana japprova r-Regola u s-Soċjetà |
| 2 Ottubru 1954 | L-ewwel ġebla tad-Dar Ġenerali, il-Blata l-Bajda |
| 18 April 1956 | Bidu uffiċjali tal-MUSEUM fl-Awstralja |
| 17 Ottubru 1960 | Bidu tal-Fergħa Koperaturi tal-MUSEUM |
| 26 Lulju 1962 | Mewt ta' Dun Ġorġ |
| 3 Frar 1964 | Isir il-'miraklu' bl-interċessjoni ta' Dun Ġorġ |
| 24 Ġunju 1975 | Bidu tal-Kawża tal-Beatifikazzjoni ta' Dun Ġorġ |
| 9 Mejju 2001 | Il-Papa Ġwanni Pawlu II f'Malta u jiddikjara lil Dun Ġorġ Beatu |
| 16 Ottubru 2002 | Ġwanni Pawlu II idaħħal il-Misteri tad-Dawl fir-Rużarju, kważi l-istess li Dun Ġorġ kiteb fl-1957 |
| 3 Ġunju 2007 | F'Ruma l-Papa Benedittu XVI jikkanonizza lill-Beatu Ġorġ Preca |

Dun Ġorġ dwar il-***Midalja Mirakoluża*** mill-ktieb *IL-ĠEMMARJU*:
Jistħajjel parrinu jagħti "ġemma", i.e. tagħlima prezzjuża, lill-filjozz tiegħu:

**ĠEMMA Nru. 31**

*Parrinu, agħtini ġemma.*

Filjozz, għożż dina l-prezzjuża ġemma: li b'kurdiċella ġġib fuqek kontinwament il-midalja, msejħa mirakoluża, tal-Konċepiment ta' Marija Santissima Immakulata. Ġibha mdendla minn għonqok, u b'riverenza busha miżżewġ naħiet tagħha, almenu qabel ma torqod.

Isma' l-kliem tal-Madonna li qalet lil Santa Katerina Labouré, meta tatħielha: "Dawk kollha li jġibu mdendla ma' għonqhom dina l-midalja jkollhom mis-sema l-protezzjoni tiegħi, mhux biss għall-ħajja tar-ruħ dwar il-grazzja, iżda kontra l-għedewwa tal-ġisem."

Il-fatt ivverifika dan il-kliem, għax għalhekk hija msejħa 'il-midalja mirakoluża' għall-favuri mis-Sema li ġarrbu bosta u bosta nies, li żżejnu biha, kif turi l-istorja fuq dina l-midalja.

is-soċjetà tad-duttrina nisranija
MUSEUM 1907 - 2007

*Is-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju tifraħ lis-Soċjetà tad-Dutrina Nisranija MUSEUM fl-okkażjoni tal-100 Sena mit-twaqqif tagħha, kif ukoll lill-Qasam tas-Subien - Mqabba tal-75 Sena ta' tagħlim fir-raħal tagħna.*